MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 283/1994/1

**Sebastian Muscat u John Muscat**

**Vs**

**Maria Grazia mart Alfred Borg, Mikiel Muscat u l-Avukat Dr John Mizzi u l-Prokuratur Legali Rowena Grima b'digriet tat-28 ta' Marzu 1994 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Joseph Muscat u Maria Victoria Borg u Christian Samuel Borg li ssejhu fil-kawza b'digriet tad-19 ta' Novembru 2008**

Din hi kawza li bdiet fl-1 ta' Marzu 1994, u li permezz taghha l-atturi qeghdin ifittxu li jwettqu ftehim li sar fil-15 ta' Jannar 1992 u li permezz tieghu sar qbil dwar kif kellha tinqasam proprjeta wara li nqala' dizgwid dwar il-wirt tal-mejta Maria Muscat xebba Fenech. L-ghan ta' din il-kawza hi sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jersqu ghall-

pubblikazzjoni tal-kuntratt li fih jigi rifless dak pattwit fil-ftehim tal-15 ta’ Jannar 1992.

Sebastian, John, Maria Grazia u Joseph Muscat huma ahwa u wlied Mikiel u Maria konjugi Muscat. Maria Grazia Muscat mietet fis-26 ta’ Settembru 1979. Permezz tal-ftehim fuq imsemmi l-partijiet ftehemu s-segwenti :-

*‘1. Maria Grazia mart Alfred Borg ghandha zzomm ghas-saldu ta’ sehemha mill-wirt u tal-pretenzjoni taghha ghall-servigi rezi lill-genituri taghha r-rikavat kollu mill-bejgh, gja konkjuz tal-fond 16, Graziella House, Fontanier Street, Qormi ;*

*2. Il-partijiet kollha li ma deherux fuq l-att tat-trasferiment jobbligaw ruhhom li jirratifikaw l-bejgh u trasferiment tal-fuq imsemmi fond ;*

*3. Il-partijiet jiftehmu li ghas-saldu tal-pretenzjoni ta’ John, Sebastian u Joseph ahwa Muscat ghall-sehem mill-wirt ghandu jigi assenjat lill dawn indivizament bejniethom mill-partijiet l-ohra l-fond ossija hanut 102 u 103A u 103B, St Sebastian Street, Qormi b’dan li ghandu jibqa riservat favur Mikiel Muscat l-uzufrutt fuq dan il-fond tul hajtu;*

*4. Il-partjiet jobbligaw ruhhom li jassenjaw lill-Mikiel Muscat ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tieghu mill-wirt il-fond 112 San Bartolomew Street, Qormi, u l-fond numru 6 Naqra Lane Birzebbugia bil-gjus u pertinenzi tieghu* (illum numru 104)*;*

*5. Salv il-premess il-partijiet jiddikjaraw li ma ghandhom pretenzjonijiet kontra xulxin.*

*6. Il-partijiet jaqblu li dan il-ftehim ghandu jigi inkorporat f’att pubbliku skond kif rikjest mill-ligi fi zmien tlett xhur mill-lum.*

*7. Il-partijiet jaqblu li l-ispejjez tal-kuntratt u dawk tal-kawzi li saru bejn il-partijiet ghandhom jigu sopportati nofs mill-missier u nofs mill-ulied bejniethom’*.

Fit-2 ta’ Novembru 1993 il-partijiet iffirmaw li qeghdin *‘….ingeddu l-ftehim taghna tal-15 ta’ Jannar 1992.’*.

Fit-twegiba guramentata li kienu pprezentaw Maria Grazia u Mikiel Muscat kienu ddikjaraw :-

*‘Illi kienu l-istess atturi li taw diversi appuntamenti lil konvenuti biex jigi pubblikat il-kuntratt bazat fuq il-konvenju msemmi, izda l-konvenuti kienu jmorru ghall-appuntament ghal xejn, billi ma jidhrux l-istess atturi, u*

*ghalhekk il-konvenuti m'ghandhomx ibaghatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.'*.

Hu ghalhekk evidenti li dawn il-konvenuti ma kienux qeghdin joggezzjonaw ghat-talba.

Mikiel Muscat miet fl-20 ta' Marzu 1998 u nhatru Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi biex jirraprezentaw il-wirt. Fl-4 ta' Novembru 2008 il-kuraturi ipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet u ddikjaraw li m'humiex edotti mill-fatti. M'hemmx prova li wara dawn is-snin kollha xi hadd accetta l-wirt ta' Muscat. Jidher li fil-15 ta' Marzu 1998 Muscat kien ghamel testment fejn illimita ruhu biex jiddisponi b'legat. F'nota prezentata fit-30 ta' Jannar 2009 l-attur ppremettew li l-legatarji (Maria Victoria Borg u Christian Samuel Muscat) kienu tilfu d-drittijiet taghhom. Pero m'huwiex il-kompitu ta' din il-qorti sabiex titratta din il-materja.

Il-konvenut l-iehor Joseph Muscat suppost kienu qeghdin jidhru ghalih kuraturi nominati b'digriet tat-28 ta' Marzu 1994. Tista' tghid li fil-kors tal-proceduri l-partecipazzjoni taghhom kienet ftit li xejn. Fin-nota tal-eccezzjonijiet illimitaw ruhhom biex ighidu li m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk m'humiex f'posizzjoni li jikkontestaw it-talbiet attrici. Hu minn li dak li ddikjaraw ma jfissirx xi ammissjoni, pero' min-naha l-ohra ma ressqu l-ebda raguni valida ghalfejn din il-qorti m'ghandix tilqa' t-talbiet tal-atturi.

Il-qorti hi tal-fehma li ghandha tibbaza d-decizjoni fuq id-difiza kif giet proposta mill-konvenuti. M'hijiex tal-fehma li *ex officio* ghandha tindaga jekk il-ftehim tal-15 ta' Jannar 1992 kienx ghadu jorbot meta saret il-kawza fl-1 ta' Marzu 1994.

Fid-denunzja li saret fil-25 ta' Jannar 1980 mill-konvenuta wara l-mewt tal-omm (fol. 27) jinghad li fil-wirt kien hemm dawn l-immobbli li kienu jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti:-

i. 112, Triq San Bartolomew, Hamrun ;

ii. Utile dominju perpetwu tal-fond 6, Noqra Lane, Birzebbugia soggett ghac-cens ta' Lm9 kull sena.

iii. Utile dominju perpetwu tal-fond 7, Noqra Lane, Birzebbugia soggett ghac-cens ta' Lm8.50 kull sena.

iv. Utile dominju temporanju ta' Grace House, Triq Fontanier, Qormi soggett ghac-cens ta' Lm12 fis-sena.

v. Porzjon art soggetta ghac-cens, minghajr ma nghataw l-ebda dettalji.

Ghalkemm il-konvenuta xehedet li *'L-ahjar haga tkun li niffirmaw id-Dok A kif emendat..' u li hu abbozz ta' ftehim iehor*, din il-qorti ma tistax tikkunsidra t-talba gialadarba triq toqghod fuq dak li talbu l-atturi fic-citazzjoni. Dan apparti li mid-deposizzjoni li ta n-nutar Pierre Cassar fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2011, hu altru milli evidenti li ghad hemm id-dizgwid. Il-qorti ghandha dubji serji kemm din is-sentenza ser tirrizolvi il-pendenzi, in kwantu ghad :-

i.Qabel jigi pubblikat il-kuntratt, trid issir il-*causa mortis* ta' Mikiel Muscat;

ii. Irid jintlehaq ftehim dwar il-valuri li ser tinghata lill-immobbli li ser jigu trasferiti in esekuzzjoni tal-ftehim. Haga li l-qorti temmen li ma tistax issir f'dan il-procesdiment, meqjus it-talbiet u li m'ghandha l-ebda taghrif dwar il-valur tal-proprjeta illum;

iii. Hadd ma accetta l-wirt ta' Mikiel Muscat. Certament irid ikun hemm il-mezzi finanzjarji biex ikun jistghu jithallsu t-taxxi dovuti ta' dak li ghandu jifforma parti mill-patrimonju tad-decujus bis-sahha ta' dan il-ftehim;

Il-qorti hi tal-fehma li tezisti probabilita' li din is-sentenza mhux ser tkun tista' tigi ezegwita jekk il-partijiet li ghadhom hajjin jibqghu ma jiftehemux. Madankollu m'hijiex tal-fehma li dan il-procediment ghandu jiehu iktar fit-tul. Hu d-dmir tal-partijiet li jsolvu l-kwistjonijiet ta' bejniethom u ma jistghux jippretendu li l-qorti ssib soluzzjoni ghal kollox.

Il-qorti ser tillimita ruhha biex tilqa' t-talbiet tal-atturi. Madankollu ser tordna li kull parti ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez gudizzjarji meqjus :-

i. Din il-kawza ilha kwazi ghoxrin (20) sena pendenti, u mill-atti hu altru milli evidenti kemm kien hemm tkaxkir ta' saqajn. L-ironija hi li minkejja li qeghda tinghata sentenza, jidher li din mhux ser tkun qeghda taqta' l-kwistjoni darba ghal dejjem.

ii. Sa mill-4 ta' Marzu 1999 kien qieghed jigi dikjarat li l-partijiet qeghdin jaghmlu tentattivi biex jittransigu l-vertenza. Sitwazzjoni li baqghet hekk matul is-snin li segwew. Sahansitra fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2010 l-attur talab *'….differiment fit-tul sabiex isehh it-transazzjoni.'*.

iii. It-trapass ta’ dawn is-snin kollha ghenet biss biex l-affarijiet ikomplu jikkumplikaw ruhhom wara l-mewt ta’ Mikiel Muscat fl-20 ta’ Marzu 1998.

iv. Kien hemm zmien meta l-atturi kienu nfurmaw lill-qorti li kien sehh ftehim li kellu jigi formalizzat bil-pubblikazzjoni ta’ att pubbliku (ezempju ara verbali tat-23 ta’ Mejju 2000, rikors prezentat fit-23 ta’ Ottubru 2000, 7 ta’ Marzu 2002).

v. Il-kawza marret *sine die* darbtejn (20 ta’ Ottubru 2000 u 11 ta’ Mejju 2007).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba tal-atturi :-**

**1. Tordna l-pubblikazzjoni ta’ kuntratt li jkun jirrifletti dak li ftehemu l-partijiet fl-iskrittura privata tal-15 ta’ Jannar 1992 (Dok. A a fol. 5).**

**2. Tinnomina lin-nutar Dr Pierre Cassar sabiex jippubblika l-att relattiv. Minhabba d-diffikultajiet li ssemmew hawn fuq, il-qorti m’hijiex ser tiffissa gurnata ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv. Id-data ghall-pubblikazzjoni tal-att relativ tinghata wara li l-partijiet jirrizolvu l-pendenzi li ssemmew hawn fuq u tinghata prova dokumentarja li nstabet soluzzjoni.**

**3. Tikkonferma lill-kuraturi Dr John Mizzi u Dr Anthony Cutajar sabiex jidhru fuq l-att ghal dik il-parti/wirt li kienu qeghdin jirraprezentaw f’dawn il-proceduri.**

**4. Spejjez gudizzjarji bejn il-partijiet jibqghu bla taxxa, b’dan li l-ispejjez relatati mal-kuntratt ghandhom jinqasmu skond kif jinghad fil-ftehim tal-15 ta’ Jannar 1992. It-taxxa tkun dovuta minn dik il-parti li ser takkwista l-immobbli.**

**5. Spejjez in konnessjoni mal-kuraturi ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom provizorjament l-atturi li ghamlu l-kawza, bi dritt li jirkuprawhom minghand dik il-parti li l-kuratur kien qieghed jirraprezenta (cjoe’ minghand Joseph Muscat u mill-patrimonju ta’ Mikiel Muscat).**

**6. Kwalsiasi spejjez li setghu ghamlu l-imsejhin fil-kawza jibqghu a karigu taghhom gialadarba ma pprezentawx nota tal-eccezzjonijiet**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------